# FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 21 ta' Marzu, 2017.**

**Talba Nru: 55/2017PA**

**GO plc**

**vs**

**BAILEY Christine Jean**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fl-24 ta' Jannar 2017 li permezz tiegħu s-soċjeta' attriċi ppremettiet li l-konvenuta għandha tagħti lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' sitt mija u tmien Ewro u għaxar ċentezmi (€608.10ċ) in konnessjoni ma' servizzi elettroniċi ta' komunikazzjoni prestati lilha fuq il-konijiet bin-numru AC40103405 u AC51022249; li l-ftehim li bih il-konvenuta ingħatat is-servizzi konnessi mat-tieni kont imsemmi sar mas-soċjeta Mobisle Communications Ltd, li ġiet amalgamata fis-soċjeta' attriċi b'effett mid-19 ta' Diċembru 2015; u li minkejja li l-konvenuta ġiet interpellata diversi drabi biex tħallas, din baqgħet inadempjenti. Is-soċjeta' attriċi talbet ukoll li l-konvenuta tiġi kundannata tħallas l-ispejjeż u d-drittijiet, bl-imgħaxijiet legali mid-data tal-preżentata tal-Avviż tat-Talba.

Ra d-dokumenti ppreżentati mis-soċjeta' attriċi mal-Avviż tat-Talba, senjatament (i) prospett tal-ħlasijiet mitluba fuq il-kontijiet mertu ta' din il-kawża (Dok.'A', fol.2-9); (ii) kopja tal-kuntratti li s-soċjeta' attriċi, jew l-awtriċi tagħha, kellha mal-konvenuta

(Dok.'B', fol.10 sa 27); (iii) estratt mir-Reġistru Elettorali li juri l-indirizz dikjarat tal-konvenuta (Dok.'Ċ', fol.26); u (iv) affidavit ta' Charmaine Margaret Psaila Raji, in rappreżentanza tas-soċjeta' attriċi, li kkonfermat li l-kreditu pretiż f'din il-kawża għadu dovut lis-soċjeta' attriċi (Dok.'D', fol.27).

Ra li l-konvenuta kienet debitament notifikata bl-Avviż tat-Talba u bl-Avviż tas-Smigħ, pero' baqgħet ma ppreżentatx Risposta u lanqas dehret sabiex tikkontesta t-Talba.

Ra li fl-udjenza tas-7 ta' Marzu 2017, Charmaine Psaila Raji għas-soċjeta' attriċi iddikjarat bil-ġurament li fil-ġurnata ta' qabel, il-konvenuta kienet ħallset lis-soċjeta' attriċi s-somma sħiħa dovuta bi prezz ta' servizzi provduti lilha, u li ma ħallsitx l-ispejjeż u l-imgħax.

Ikkunsidra għalhekk li l-mertu ta' din il-kawża jinsab eżawrit, bil-ħlas effettwat mill-konvenuta fil-mori tal-kawża, u li fadal x'tiġi deċiża biss it-talba dwar l-ispejjeż, u l-imgħax.

Jidhirlu li din it-talba tas-soċjeta' attriċi tirriżulta ampjament pruvata, fil-kontumaċja tal-konvenuta, partikolarment wara li minn jeddha ħallset il-kreditu pretiż kontra tagħha b'din il-kawża .

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jastjeni milli jieħu konjizzjoni tat-talba fil-mertu, jilqa' l-bqija tat-talbiet tas-soċjeta' attriċi u jikkundanna lill-konvenuta tħallasha l-imgħax fuq is-somma mitluba ta' sitt mija u tmien Ewro u għaxar ċenteżmi (€608.10ċ) b'effett mid-data tal-preżentata tal-Avviż tat-Talba sad-data tal-ħlas fis-6 ta' Marzu 2017, u l-ispejjeż kif mitluba fl-Avviż tat-Talba.

**Avukat, Phyllis Aquilina LL.D.**

**ĠUDIKATUR**